# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

## AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE

## Seduta tat-Tlieta, 26 ta' Ottubru 2021

## Talba numru 230/2021SFJ

***M. DEMAJO (WINES & SPIRITS) LIMITED (C2521)***

***VS.***

***J.D.S. GROCERY LIMITED (C28189)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-5 ta' Awwissu 2021 li permezz tiegħu ġie premess u mitlub:

> "*Illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' tlett elef mitejn u erbatax-il Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€3,214.34) rappreżentanti prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lill-istess soċjetà konvenuta fuq struzzjonijiet tagħha stess u servizzi oħra anċillari, u dan hekk kif jirriżulta mill-istatement li qiegħed jiġi anness u mmarkat bħala Dok. A, oltre l-imgħax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv;*
>
> *Illi minkejja li s-soċjetà konvenuta ġiet debitament interpellata sabiex tħallas din is-somma, hija baqgħet inadempjenti.*

> *Għaldaqstant, is-soċjetà konvenuta għandha tiġi kkundannata tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlett elef mitejn u erbatax-il Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€3,214.34) u dan oltre l-imgħax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjeż u d-drittijiet ta' dawn il-proċeduri inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 26 ta' Ġunju 2020, kontra s-soċjetà konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni.*"

Ra l-fatturi annessi mal-Avviż tat-Talba (fol. 3 u fol. 4);

Ra li fl-udjenza tat-22 ta' Settembru 2021, l-Avukat Dr Cynthia Galea ippreżentat estratt mid-*database* tal-Qrati tal-Ġustizzja, *ossia* s-sistema *ECourts* (fol. 10 u fol. 11) li tindika li s-soċjetà konvenuta ġiet innotifikata fl-4 ta' Settembru 2021;

Ra li ma deher ebda rappreżentant tas-soċjetà attriċi f'ebda udjenza u ma deher ebda avukat jew prokuratur legali jew persuna oħra patroċinanti l-istess soċjetà attriċi;

Ra li s-soċjetà konvenuta ma ppreżentat ebda Risposta jew sottomissjoni oħra kwalsiasi;

Ra n-nota ta' riduzzjoni ppreżentata mis-soċjetà attriċi fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2021; u

Sema' ix-xhieda ta' Joseph Grixti, prodott mil-istess soċjetà attriċi, li xehed fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2021, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-26 ta' Ottubru 2021.

## **Provi mressqa**

It-Tribunal ra li fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2021 xehed Joseph Grixti, prodott mis-soċjetà attriċi. Dan qal li fis-26 ta' Awwissu 2021, is-soċjetà konvenuta għamlet pagament ta' mitt Ewro (€100.00) u għalhekk l-ammont dovut lis-soċjetà attriċi inkwantu sorte niżel għal tlett elef u mija u erbatax-il Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€3,114.34).

## **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***<u>Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa</u>*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Fid-dawl tax-xhieda ta' Joseph Grixti, it-Tribunal huwa sodisfatt li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' tlett elef u mija u erbatax-il Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€3,114.34).

## <u>Deċide</u>

Għaldaqstant, wara li sema' ix-xhieda ta' Joseph Grixti u ra n-nota ta' riduzzjoni hawn fuq imsemmija, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-atturi limitatament għal tlett elef u mija u erbatax-il Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€3,114.34) u jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-istess ammont lis-soċjetà attriċi.

It-Tribunal jordna li l-interessi għandhom jiġu kkalkulati b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi u jordna li l-imgħax għandu jiġi kkalkulat separatament mid-data ta' kull fattura, b'dan li s-soċjetà attriċi għandha tieħu qies tal-ammont imħallas diġà mis-soċjetà konvenuta u tara li ma jitħallsux interessi fuq l-ammont diġà mħallas.

It-Tribunal jiċħad il-parti tal-Avviż tat-Talba fejn intalbu l-ispejjeż ta' xi ittra uffiċjali billi ma ġiex ippruvat li ġiet ippreżentata xi ittra uffiċjali.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**